**Qorti Civili (Sezzjoni Familja)**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Nru: 142/21JVC**

**Rikors Revoka nru: 271/21JVC**

**F B**

**vs**

**A H**

**Illum 24 ta' Jannar 2022;**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' A H datat 18 ta' Novembru, 2021 li permezz tieghu, ghar-ragunijiet kif esposti f'dak ir-rikors, talab li din il-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 142/2021 a tenur tas-subartikoli (1)(c) u (1) (d) tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), fin-nuqqas tordna t-tnaqqis tal-ammont ta' garanzija depozitata f'ismu a tenur tal-artikolu 836 (7) tal-istess Kodici u tikkundanna lis-sekwestranti sabiex thallas lir-rikorrent odjern penali fit-termini tal-artikolu 836 (8) (b) (c) u (d) tal-Kap. 12.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors;

Rat ir-risposta ta' F B li ghar-ragunijiet kif esposti fl-istess risposta talbet li din il-Qorti tichad it-talba tas-sekwestrat ghar-revoka u tikkonferma l-mandat ta' sekwestru;

Semghet it-trattazzjoni estensiva tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2022.

Rat l-atti kollha tal-mandat ta' sekwestru 142/2021 u tar-rikors ta' revoka odjern.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi r-rikorrent sekwestrat, fil-qosor qed isejjes it-talbiet tieghu ghar-ragunijiet segwenti:

1. Ghar-raguni li l-mandat de quo gie ntavolat fi stadju bikri tal-medjazzjoni ghal separazzjoni personali bejn il-partijiet meta qed isostni li f'dan il-kaz il-proceduri jistghu itawlu xhur u anki snin filwaqt li f'kuntest ta' mandat barra l-proceduri ta' medjazzjoni tkun trid issir kawza fi zmien ghoxrin (20) jum;

2. Illi l-ammont ikkawtelat mhux *prima facie* gustifikat w'allura huwa abbusiv u dan fit-termini tal-artikolu 836 (1) (d) tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Proceduri Civili. Isostni li l-ammont gie ndikat b'mod azzardat u minghajr prova;

3. L-ezistenza ta' garanzija xierqa fit-termini tal-artikolu 836 (1) (c) tal-Kodici msemmi in vista tal-assi mmobiljari tal-komunjoni tal-Akkwisti li fil-valur taghhom eskluz dejn jammonta ghal fuq minn nofs miljun Euro u dan apparti s-somma gia depozitata fil-Qorti fis-somma ta' €34,308.52. Jsostni li anki eskluz id-dejn u jekk wiehed jeskludi l-valur tad-dar matrimonjali sehem is-sekwestranta xorta jezorbita' s-somma kawtelata permezz ta' dan il-mandat. Izid ukoll li gie ntavolat mandat ta' deskrizzjoni sabiex ukoll jikkawtela l-pretensjonijiet tas-sekwestranta martu.

Il-Qorti rat li r-raguni moghtija mis-sekwestranta li fuqha gie bbazat il-mandat ta' sekwestru odjern taqra kif isegwi:

'sehem il-komunjoni tal-akkwisti appartenenti lil-esponenti li taf bih sal-llum.'

Issostni fir-risposta taghha li meta gie ntavolat il-mandat ta' sekwestru dan sar 'minn ftit informazzjoni li kellha l-esponenti dwar dak li kien jifforma l-kommunjoni tal-akkwisti u dan peress illi l-intimat qatt ma kien jinfurmaha dwar x'kien jifforma l-kommunjoni tal-akkwisti u wisq inqas fejn kien izzomm il-flejjes tal-kommunjoni.'

L-intimata sekwestranta ssostni li t-talba ghar-revoka tal-mandat ghandha tigi michuda, fil-qosor, ghar-ragunijiet li jsegwu:

1. Illi r-rikorrent sekwestrat fir-rikors revoka qed jidhol fil-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet u cioe' l-valur tal-komunjoni tal-akkwisti u u li dan mhux kompitu ta' din il-Qorti li tista' taghmel biss ezami *prima facie*;

2. Illi dak kawtelat permezz tas-sekwestru odjern imur oltre mill-propjeta mmobbli bejn il-partijiet stante li qed jigu kawtelati flejjes u krediti tal-komunjoni tal-akkwisti;

3. Illi dak depozitat permezz tac-cedoli huwa ferm il-boghod minn dak pretiz mill-intimata sekwestranti u ghalhekk ma jistax jitqies bhala kawtela sufficjenti la biex jigi revokat il-mandat u lanqas sabiex jigi ridott;

4. Illi fil-kaz odjern ma hemmx gustifikazzjoni sabiex tigi mposta penali fuq is-sekwestranta.

Illi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent sekwestrat li l-proceduri ta' medjazzjoni jistghu jdumu xhur u anki snin il-Qorti ssostni li dan mhux dak li tipprovdi l-ligi. Il-ligi tipprovdi perjodu massimu ta' xahrejn fejn wara t-trapass ta' dan it-terminu, jekk il-partijiet ma jaslux ghal ftehim, kull parti tista' titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja sabiex tipprocedi b'kawza. Jekk dan ma jsirx in-nuqqas huwa biss tal-parti u ta' hadd aktar. Ghalhekk din il-lanjanz mhiex gustifikata.

Illi minn dak li rat din il-Qorti fl-atti jirrizulta li certament meta ntalab il-hrug tal-mandat ta' sekwestru is-sekwestranti *prima facie* kellha pretensjoni legali fil-konfront tas-sekwestrat zewgha, filwaqt li l-ezami dwar jekk tali pretensjoni hiex finalment fondata jew le bejn il-partijiet ma jaqax fil-kompitu ta' din il-Qorti izda jaqa fil-poteri tal-Onorabbli Qorti tal-Familja.

Illi dwar l-allegazzjoni li l-pretensjoni hija sufficjentement kawtelata mill-proprjeta' mmobbli u l-flus gia sekwestrati, l-Qorti fehemet minn dak espost fil-mandat ta' sekwestru li apparti l-immobbli, s-sekwestranta ghandha pretensjonijiet ohra fuq flejjes u krediti tal-komunjoni tal-akkwisti li qed jinzammu mohbija minnha mis-sekwestrat zewgha. Hija s-sekwestranta li bil-gurament taghha tiehu r-responsabilita' ta' din id-dikjarazzjoni u ghall-bazi ta' *prima facie* dan huwa sufficjenti. Fir-risposta taghha s-sekwestranti ssostni wkoll li hemm diversi kredituri ohra tal-komunjoni tal-akkwisti li gew avzati mill-intimat sabiex ma jiddepozitawx. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tqis li l-prova dwar l-entita effettiva tal-assi mobbli fosthom flus u krediti tal-komunjoni tal-akkwisti, s-sekwestranta tkun mistennja li tressaqha quddiem il-Qorti tal-Familja u mhux

quddiem din il-Qorti w'ghalhekk din il-Qorti ma tqisx li din hija raguni valida ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru de quo.

Il-Qorti, in vista tac-cirkustanzi odjerni u *prima facie* tqis li f'kaz li hija tiddeciedi li tirrevoka l-mandat ta' sekwestru odjern, il-pretensjonijiet tas-sekwestranti ma jibqghux sufficjentement kawtelati u ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ir-rikors ghar-revoka tal-istess u l-bqija tat-talbiet.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, l-Qorti tghaddi sabiex tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 142/2021 datata 18 ta' Novembru, 2021 u l-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti A H.

Tordna komunika lill-avukati tal-partjiet.

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**